**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DIRETTIVA 2004/36/EK TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-21 ta' April 2004**

**dwar is-sigurta ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità**

(ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 | L 344 | 15 | 27.12.2005 |
| ►M2 | Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE tas-16 ta' April 2008 | L 109 | 17 | 19.4.2008 |
| ►M3 | Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 | L 188 | 14 | 18.7.2009 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2004/36/EK TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' April 2004

## dwar is-sigurta ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li konsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni nhar is-26 Frar 2004,

Billi:

(1) Ir-Riżoluzzjoni dwar id-diżastru ta' l-ajru 'l barra mill-kosta tar-Repubblika Dominikana, adottata mill-Parlament Ewropew nhar il-15 ta' Frar 1996 ([4]), tagħti importanza lill-bżonn li l-Komunità tieħu pożizzjoni aktar attiva u li tiżviluppa strateġija sabiex ittejjeb is-sigurta taċ-ċittadini tagħha li jkunu qed jivjaġġaw bl-ajru jew li jkunu jgħixu viċin l-ajruporti.

(2) Il-Kummissjoni kienet ħarġet Komunika lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, imsejħa, "Imfissra Strateġija dwar Titjib fis-Sigurta fl-Avjazzjoni".

(3) Il-Komunika bl-aktar mod ċar tgħid illi s-sigurta tistà tiġi mtejba b'mod effettiv billi tassigura li l-ajruplani jaderixxu b'mod sħiħ mal-livelli internazzjonali tas-sigurta, li jinstabu fl-Annessi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, firmata ġewwa Chicago nhar is-7 ta' Diċembru 1944 ("il-Konvenzjoni ta' Chicago").

(4) Sabiex tistabbilixxi u żomm livell uniformi u għoli fis-sigurta ta' l-avjazzjoni fl-Ewropa, jinhtieg atteggjament armonizzat fl-infurzar effettiv ta' livelli internazzjonali ta' sigurta ġewwa l-Komunità. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati r-regoli u l-proċeduri għal spezzjonijiet ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jinżlu f'ajruporti ġewwa l-Istati Membri.

(5) Permezz ta' atteggjament armonizzat ta' l-infurzar effettiv tal-livelli internazzjonali ta' sigurta mill-Istati Membri, jiġi evitat tagħwiġ fil-kompetizzjoni. Pożizzjoni komuni dwar ajruplani ta' pajjiżi terzi li jonqsu milli jaderixxu mal-livelli internazzjonali tas-sigurta tkun ta' benefiċċju għall-pożizzjoni ta' l-Istati Membri.

(6) Ajruplani li jinżlu fl-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni, meta jkun hemm suspett li dawn ma' jkunux jaderixxu għal livelli internazzjonali ta' sigurta.

(7) L-ispezzjoni tistà ssir ukoll, skond proċedura ta' spot-check fl-assenza ta' kwalunkwe suspett partikolari, kemm-il darba l-liġi

---

([1]) ĠU C 103 E, tat-30.4.2002, p. 351.

([2]) ĠU C 241, tas-7.10.2002, p. 33.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Settembru 2002 (ĠU C 272 E, tat-13.11.2003, p. 343), u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 (ĠU C 233 E, tat-30.09.2003, p.12) u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2003 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċċjali). Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-1 ta' April 2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004.

([4]) ĠU C 65, ta' l-4.3.1996, p. 172.

▼B

tal-Komunità u dik internazzjonali tiġi osservata. B'mod partikolari, l-ispezzjonijiet għandhom isiru b'manjiera mhix diskriminatorja.

(8) L-ispezzjonijiet għandhom jiżdiedu fil-każ ta' xi ajruplan li dwaru fil-passat ikunu ġew identifikati difetti, b'mod frekwenti, jew dwar ajruplani li jkunu jappartjenu lil xi linji ta' l-ajru li fil-passat ikunu attiraw attenzjoni b'mod frekwenti.

(9) L-informazzjoni miġbura f'kull Stat Membru, għandha tkun disponibbli lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni sabiex tassigura l-aktar moniteraġġ effiċjenti rigward il-konformità ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi, ma' livelli internazzjonali ta' sigurta.

(10) Għal dawn ir-raġunijiet, hemm bżonn li tiġi stabbillita proċedura, fuq livell tal-Komunità, dwar stima ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi u mekkaniżmi relattati ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, sabiex isir skambju ta' l-informazzjoni.

(11) In-natura sensittiva ta' l-informazzjoni relattata mas-sigurta teħtieġ li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, sabiex jassiguraw il-kunfidenzalita xierqa dwar l-informazzjoni li jirċievu.

(12) Bla ħsara għad-dritt ta' aċċess li l-pubbliku għandu għad-dokumenti tal-Kummissjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 May 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([1]), il-Kummissjoni għandha taddotta miżuri għat-tixrid ta' din l-informazzjoni u l-kundizzjonijiet assoċjati, lil partijiet interessati.

(13) Ajruplani li fuqhom ikunu meħtieġa miżuri korrettivi għandhom, meta n-nuqqasijiet identifikati jkunu perikolużi għas-sigurta b'mod ċar, jinżammu milli jittajru sakemm ma jitrangax in-nuqqas ta' konformita ma' livelli internazzjonali.

(14) Il-faċilitajiet fl-ajruport ta' l-ispezzjoni għandhom ikunu b'tali mod li l-awtorita kompetenti tkun obbligata li tawtorizza l-ajruplan sabiex itir lejn l-ajruport xieraq, kemm-il darba jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet dwar it-trasferiment accertat.

(15) Sabiex tkun tistà tesegwixxi l-ħidma tagħha taħt din id-Direttiva, l-Kummissjoni għandha tkun meghjuna minn kumitat imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet ta' natura teknika u l-proċeduri ta' natura amministrattiva fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]).

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tal-poteri mgħoddija lill-Kummissjoni ([3]).

(17) Il-Kummissjoni għandha tħalli għad-dispożizzjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91, l-istatistika u l-informazzjoni miġbura, in-konformita ma' miżuri oħra tal-Komunità, li jikkonċernaw inċidenti speċifiċi li jistgħu jkunu rilevanti sabiex jinkixfu n-nuqqasijiet li jkunu ta' theddida għas-sigurta fl-avjazzjoni ċivili.

(18) Huwa meħtieġ li jiġu kunsidrati l-iskambji ta' kooperazzjoni u informazzjoni, li jkunu qed iseħħu fil-qafas ta' l-Awtoritajiet Konġunti dwar l-Avjazzjoni (AKA) u l-Konferenza Ewropea

([1]) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

([2]) ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 4. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 1).

([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

dwar l-Avjazzjoni Ċivili (KEAĊ). Fl-istess hin, għandu jsir l-iktar użu possibli ta' l-esperti eżistenti fil-proċeduri ta' l-Istima dwar is-Sigura ta' Ajruplani Barranin (SSAB).

(19) Għandu jittieħed kont tas-sehem ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta fl-Avjazzjoni (AESA), fil-politika dwar l-avjazzjoni ċivili, inkluż it-twaqqif ta' proċeduri li l-għan tagħhom huwa li jistabbilixu u jsostnu livell għoli u uniformi ta' sigurta fl-avjazzjoni ċivili ġewwa l-Ewropa.

(20) Ġew mifthiema, arranġamenti għal kooperazzjoni akbar dwar l-użu ta' l-ajruport ta' Ġibilta, ġewwa Londra, nhar it-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit, permezz ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Ministeri għall-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi, u dawn l-arranġamenti għad iridu jidħlu fis-seħħ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Skop u Objettiv**

1. Fil-qafas ta' l-istrateġija globali tal-Komunità sabiex tistabbilixxi u żomm livell għoli u uniformi tas-sigurta fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa, din id-Direttiva tintroduċi atteggjament armonizzat għall-infurzar effettiv tal-livelli internazzjonali ta' sigurta, ġewwa l-Komunità, billi jiġu armonizzati r-regoli u l-proċeduri għall-ispeżżjonijiet fuq ajruplani ta' pajjiżi terzi li jitniżżlu f'ajruporti li jinsabu fl-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għad-dritt ta' l-Istati Membri li jagħmlu spezzjonijiet m'humiex koperti b'din id-Direttiva u sabiex iżommu milli jittajru, jipprojbixxu jew jimponu kundizzjonijiet fuq kwalunkwe ajruplan li jitniżżel fl-ajruporti tagħhom skond il-liġi tal-Komunità jew dik internazzjonali.

3. Ajruplani ta' l-Istat, kif imfissra fil-Konvenzjoni ta' Chicago, u ajruplani li l-piż massimu tagħhom waqt it-tluq huwa anqas minn 5700 kg meta m'humiex imqabbdin biex jaħdmu fi trasport kummerċjali ta' l-ajru, huma esklużi għall-iskop ta' din id-Direttiva.

4. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ajruport ta' Ġibilta hija maħsuba sabiex tkun bla ħsara għall-posizzjonijiet legali tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit rigward tilwim dwar is-sovranita fuq it-territorju li fih ikun jinsab l-ajruport.

5. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ajruport ta' Ġibilita għandha tkun sospiża sakemm jidħlu fis-seħħ l-arranġamenti tad-Dikjarazzjoni Konġunta magħmula mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit nhar it-2 ta' Diċembru 1987. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit jinfurmaw lill-Kunsill dwar id-data tad-dħul fis-seħħ.

*Artikolu 2*

**Tifsiriet**

Bil-għan ta' din id-Direttiva:

(a) "żamm milli jittajru" ifisser il-projbizzjoni formali sabiex ajruplan jitlaq minn ajruport, u teħid ta' dawk il-passi li huma meħtieġa li jżommuh;

(b) "livelli internazzjonali ta' sigurta" ifisser il-livelli ta' sigurta li jinsabu fil-Konvenzjoni ta' Chicago u l-Annessi tagħha, kif ikunu fis-seħħ fiż-żmien li ssir l-ispezzjoni;

(ċ) "spezzjoni" tfisser l-eżaminar ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi skond l-Anness II;

▼B

(d) "ajruplan ta' pajjiżi terzi" ifisser ajruplan li ma jkunx użat jew operat taħt l-awtorita kompetenti ta' Stat Membru.

*Artikolu 3*

**Ġbir ta' informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu sabiex jiġbru kwalunkwe informazzjoni bżonnjuża sabiex jintlaħaq l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 1, inkluż:

(a) informazzjoni importanti dwar sigurta, partikolarment, permezz ta':

— rapporti pilota,

— rapporti dwar organizazzjoni ta' manutenzjoni,

— rapporti dwar inċidenti,

— organizazzjonijiet oħra, indipendenti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri,

— ilmenti;

(b) informazzjoni dwar azzjoni meħuda wara spezzjoni, bħall:

— ajruplan miżmum milli jtir,

— ajruplan jew operatur miżmum mill-Istat Membru konċernat,

— azzjoni korrettiva meħtieġa,

— kuntatti ma' l-awtorita kompetenti ta' l-operatur;

(ċ) informazzjoni dwar x'għandu jsegwi, li jikkonċerna l-operatur, bħal:

— l-azzjoni korrettiva implimentata,

— ripetizzjoni tad-diskrepanza

Din l-informazzjoni għandha tinżamm, bl-użu ta' rapport fil-forma standard, li jkun fih l-oġġetti deskritti, fil-forma mfassla fl-Anness I.

*Artikolu 4*

**Spezzjoni**

1. Kull Stat Membru, għandu jistabbilixxi l-mezzi xierqa sabiex jaccerta illi ajruplani ta' pajjiżi terzi li dwarhom ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformita mal-livelli internazzjonali dwar sigurta, li jitniżżlu fi kwalunkwe ajruport tagħhom miftuħa għal traffiku internazzjonali ta' l-ajru, għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proċeduri, għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-awtorita kompetenti, lill-ajruplani:

— f'kazi ta' informazzjoni li tindika manutenzjoni fqira, jew difetti u dannu ovvju;

— li jkunu ġew rappurtati li għamlu manuvri mhux normali, mad-dħul fi spazju ta' l-ajru ta' Stat Membru, u li jagħtu lok għal tħassib serju dwar is-sigurta;

— li dwarhom tkun fuq spezzjoni li tkun saret qabel, ikun instabu nuqqasijiet li jagħtu lok għal tħassib serju, li l-ajruplan ma jikkonformax ma' livelli internazzjonali ta' sigurta, u fejn l-Istat Membru ikollu tħassib dwar il-fatt li dawn id-difetti setgħu ma ġewx korretti;

— meta jkun hemm evidenza li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni ma jkunux qegħdin jeżerċitaw l-attenzjoni xierqa; jew

— meta l-informazzjoni miġbura taħt l-Artikolu 3 tagħti lok għal tħassib dwar l-operatur jew fejn ikunu riżultaw nuqqasijiet fi spezzjoni li tkun diġa saret fuq ajruplan użat mill-istess operator;

▼B

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli sabiex jagħmlu spezzjonijiet skond il-proċedura ta' spot-check fl-assenza ta' kwalunkwe suspett partikolari, kemm-il darba dawn ir-regoli jkunu konformi mal-liġi tal-Komunità u dik internazzjonali. Din il-proċedura għandha, iżda, ssir b'mezzi m'humiex diskriminatorji.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li jiġu implimentati spezzjonijiet xierqa u miżuri oħrajn ta' sorveljanza kif deċiż fil-qafas ta' l-Artikolu 8(3).

4. L-ispezzjoni għandha ssir skond il-proċedura deskritta fl-Anness II u trid tintuża l-formola dwar ir-rapport ta' l-ispezzjoni, u li jkun fiha ta' lanqas l-oġġetti deskritti fl-Anness II. Malli tkun tlestiet l-ispezzjoni, il-kmandant ta' l-ajruplan jew rappreżentant ta' l-operatur ta' l-ajruplan, għandu jiġi infurmat dwar is-sejbiet fl-ispezzjoni u, jekk ikunu nstabu difetti sinifikanti, r-rapport għandu jintbagħat lill-operatur ta' l-ajruplan u ta' l-awtoritajiet kompetenti konċernati.

5. Meta l-awtorita kompetenti tkun qiegħda tagħmel spezzjoni taħt din id-Direttiva, għandha tagħmel dawk l-isforzi kollha possibbli sabiex tevita dewmien mhux raġonevoli, mill-ajruplan spezzjonat.

*Artikolu 5*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fi skambju konġunt ta' informazzjoni. Din l-informazzjoni għandha, fuq talba ta' l-awtorita kompetenti, tinkludi lista ta' ajruporti ta' l-Istati Membri konċernati li huma miftuħin għal traffiku internazzjonali ta' l-ajru, b'indikazzjoni għal kull sena kalendarja, tan-numru ta' spezzjonijiet li jkunu saru u n-numru ta' movimenti ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi f'kull ajruport fuq dik il-lista.

2. Kull rapport standard li għalih saret referenza fl-Artikolu 3 u r-rapport dwar l-ispezzjoni li għalih saret referenza fl-Artikolu 4(4), għandhom mingħajr dewmien ikunu disponibbli għall-Kummissjoni u, fuq talba tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta fl-Avjazzjoni (AESA).

3. Kulmeta r-rapport standard juri l-eżistenza ta' xi theddida potenzali għas-sigurta, jew ir-rapport ta' l-ispezzjoni juri li l-ajruplan mhux konformi mal-livelli internazzjonali tas-sigurta u li jista' jkun ta' theddida potenzali għas-sigurta, r-rapport jiġi komunikat mingħajr dewmien lil kull awtorita kompetenti ta' l-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Protezzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, skond il-leġislazzjoni tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw il-kunfidenzalita xierqa ta' l-informazzjoni riċevuta minnhom taħt l-Artikolu 5. Għandhom jużaw din l-informazzjoni bil-għan ta' din id-Direttiva biss.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, kull sena, rapport dwar l-informazzjoni miġbura, disponibbli lill-pubbliku u lill-partijiet interessati ta' l-industrija, liema rapport ikun fih analiżi ta' l-informazzjoni kollha riċevuta skond l-Artikolu 5. Dik l-analiżi għandha tkun sempliċi u faċli biex tinftihem u għandha tindika jekk teżistix idea fir-riskju għall-passiġġieri bl-ajru. F'din l-analiżi għandu jinżamm mistur is-sors ta' dik l-informazzjoni.

▼M3

3. Bla ħsara għad-dritt ta' aċċess lill-pubbliku għad-dokumenti tal-Kummissjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Kummissjoni għandha tadotta, fuq inizjattiva tagħha stess, miżuri dwar it-tixrid lil partijiet interessati tal-informazzjoni msemmija fil-para-

▼M3

grafu 1 u tal-kundizzjonijiet assoċjati miegħu. Dawk il-miżuri, li jistgħu jkunu ġenerali jew individwali, għandhom ikunu bbażati skont il-bżonn:

— li tipprovdi lill-persuni u organizzazzjonijiet bl-informazzjoni li jinħtieġu sabiex itejbu s-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili;

— li tillimita t-tixrid tal-informazzjoni għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-għanijiet ta’ min jużaha, sabiex il-kunfidenzjalità xierqa ta’ dik l-informazzjoni tiġi żgurata.

Il-miżuri individwali għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

Il-miżuri ġenerali, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(4).

▼B

4. Kulmeta l-informazzjoni dwar in-nuqqasijiet fl-ajruplani tingħata volontarjament, għandhu jiġi mistur is-sors ta' dik l-informazzjoni firrapport ta' l-ispezzjoni li għalih saret riferenza fl-Artikolu 4(4);

*Artikolu 7*

**Żamma ta' ajruplani**

1. Meta n-nuqqas ta' konformita mal-livelli internazzjonali tas-sigurta jkunu, b'mod ċar, ta' periklu għas-sigurta tat-titjira, għandhom jittieħdu miżuri mill-operatur ta' l-ajruplan sabiex jitranġaw dawk in-nuqqasijiet qabel it-tluq. Jekk l-awtorita kompetenti li tkun qiegħda tagħmel l-ispezzjoni ma tkunx sodisfatta illi l-azzjoni korrettiva tkun ser tittieħed qabel it-tluq, għandha żżomm dak l-ajruplan milli jitlaq sakemm jitneħħa l-periklu u għandha immedjatament tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-operatur konċernat u lill-Istat ta' reġistrazzjoni ta' l-ajruplan.

2. L-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel l-ispezzjoni tista', b'koordinazzjoni ma' l-Istat responsabbli mill-operat ta' l-ajruplan konċernat jew l-Istat ta' reġistrazzjoni ta' l-ajruplan, tippreskrivi il-kundizzjonijiet meħtieġa li taħthom jista' jitħalla jittajjar l-ajruplan lejn ajruport li fih jistgħu jiġu korretti n-nuqqasijiet. Jekk in-nuqqas jaffettwa l-validita taċ-ċertifikat tal-validita ta' titjir ta' l-ajruplan, iż-żamma milli jtir, jista' biss jitneħħa jekk l-operatur jakkwista permess mill-Istat jew Stati li fuqhom ikun ser jittajjar l-ajruplan f'dik it-titjira.

*Artikolu 8*

**Titjib fis-sigurta u miżuri ta' implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, dwar il-miżuri ta' operazzjoni meħuda sabiex jiġu implimentati l-ħtiġijiet ta' l-Artikoli 3, 4 and 5.

▼M3

2. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista’

(a) f’konformità mal-proċedura regolatorja li għaliha saret riferenza fl-Artikolu 10(2), tieħu kwalunkwe miżuri xierqa sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Artikoli 3, 4 u 5, fosthom li:

— tiddefinixxi l-format, għall-ħażna u t-tixrid tad-data;

— toħloq jew tappoġġja lill-korpi kompetenti, dwar it-tmexxija jew l-operat tal-għodod meħtieġa għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni;

(b) tagħti fid-dettal il-kundizzjonijiet biex isiru ramp inspections, inklużi dawk sistematiċi, u tistabbilixxi l-lista ta’ informazzjoni li trid tingħabar. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi

▼M3

mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(4).

▼B

3. Abbażi ta' l-informazzjoni riċevuta taħt l-Artikoli 3, 4 u 5, u skond il-proċedura li għaliha saret riferenza fl-Artikolu 10(2), tistà tittieħed deċiżjoni dwar spezzjoni xierqa u miżuri oħra ta' sorveljanza, partikolarment dawk ta' operatur speċifiku jew ta' operaturi ta' pajjiż terz speċifiku, sakemm tkun għadha pendenti deċiżjoni mill-awtorita kompetenti ta' dak il-pajjiż terz, dwar arranġamenti sodisfaċenti għall-miżuri korrettivi.

4. Il-Kummissjoni tistà tieħu kwalunkwe miżuri xierqa sabiex tikkoopera ma' u tghin pajjiżi terzi sabiex itejbu il-kapaċitajiet tagħhom dwar is-sigurta fl-avjazzjoni.

▼M1

---

▼M3

*Artikolu 10*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

5. Il-Kumitat jista’ wkoll jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe materja oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 11*

**Implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' April 2006. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

▼M3

*Artikolu 12*

Il-Kummissjoni tista’ temenda l-Annessi għal din id-Direttiva.

Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(4).

▼B

*Artikolu 13*

**Rapport**

Sat-30 ta' April 2008, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari l-Artikolu 9, li, inter alia, jieħu in-konsiderazzjoni l-iżviluppi fil-Komunità u l-fora internazzjonali. Ir-rapport jistà jkun akkumpanjat bi proposti għall-emendi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 15*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*L-ANNESS 1*

National Aviation Authority *(Name)*

*(State)*

# SAFA

## Standard Report

[1] **No:** _._._._._._._._-._._-._._._

[2] Source: .................................... SR

[3] **Date:** .............................. ._._._._._._

[4] Place: .................................. _._._

[5] (Unused)

[6] **Operator:** ................................ _._._

[7] AOC number:

[8] **State:** ...................................... _._

................................ _._._._._._._._._._._

[9] Route: from .............................. _._._._

[10] Flight number: ...................... _._._._._._._._

[11] Route: to .............................. _._._._

[12] Flight number: ...................... _._._._._._._._

[13] Chartered by Operator*: _._._

[14] Charterer's State: ............................ _._

* (where applicable)

[15] **Aircraft Type** ............................ _._._._

[16] **Registration mark** ................. _._._._._._._._._._

[17] Construction number ............... _._._._._._._._._._

[18] Flight crew: State of licensing: .......................................................................... _._

[19] Remarks:

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

[20] Action taken:

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

[21] (Unused)

[22] **National Coordinator's name** ...........................................................................................

[23] **Signature** ..........................................................................................................

▼M2

*L-ANNESS II*

**Manwal tal-Proċeduri tal-KE għall-Ispezzjonijiet SSAB (fir-Rampa) – L-Elementi Ċentrali**

1. **ISTRUZZJONIJIET ĠENERALI**

1.1. L-ispezzjonijiet SSAB (Stima tas-Sigurtà ta' Ajruplani Barranin — *Safety Assessment of Foreign Aircraft, SAFA*) fir-rampa għandhom jitwettqu minn spetturi li jkollhom l-għarfien meħtieġ rilevanti għall-qasam ta' l-ispezzjoni, fejn l-għarfien tekniku, l-għarfien dwar kemm l-ajruplan jkun tajjeb għall-ajru u l-għarfien operattiv irid ikun rappreżentat f'każ li l-punti kollha tal-lista ta' kontroll qed jiġu vverifikati. Meta spezzjoni fir-rampa titwettaq minn 2 spetturi jew aktar, l-elementi ewlenin ta' l-ispezzjoni – l-ispezzjoni viżwali tal-parti esterna ta' l-ajruplan, l-ispezzjoni fil-gverta tat-titjir u l-ispezzjoni tal-kabina tal-passiġġieri u/jew tal-kompartimenti tal-merkanzija – jistgħu jiġu diviżi bejn l-ispetturi.

1.2. L-ispetturi jridu jidentifikaw lilhom infushom lill-pilota fil-kmand ta' l-ajruplan, jew fl-assenza tiegħu, lil membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jew lill-aktar rappreżentant anzjan ta' l-operatur qabel ma jibdew il-parti t'abbord ta' l-ispezzjoni fir-rampa tagħhom. Meta ma jkunx possibbli li jinformaw lill-ebda rappreżentant ta' l-operatur jew meta ma jkunx hemm tali rappreżentat preżenti fl-ajruplan jew qribu, il-prinċipju ġenerali se jkun li ma titwettaqx l-ispezzjoni SSAB fir-rampa. F'ċirkostanzi speċjali, jista' jiġi deċiż li titwettaq l-ispezzjoni SSAB fir-rampa imma din għandha tkun limitata għal kontroll viżwali tal-parti esterna ta' l-ajruplan.

1.3. L-ispezzjoni għandha tkun kemm jista' jkun komprensiva fiż-żmien u bir-riżorsi disponibbli. Dan ifisser li jekk ikun disponibbli ammont limitat ta' ħin jew ta' riżorsi biss, jistgħu ma jiġux ivverifikati l-punti ta' spezzjoni kollha imma numru mnaqqas. Skond il-ħin u r-riżorsi disponibbli għal spezzjoni SSAB fir-rampa, il-punti li se jiġu spezzjonati għandhom jintgħażlu b'mod xieraq skond l-għanijiet tal-Programm SSAB tal-KE.

1.4. Spezzjoni fir-rampa m'għandiex tikkawża dewmien irraġonevoli fit-tluq ta' l-ajruplan spezzjonat. Il-kawżi possibbli għal dewmien jistgħu jkunu, imma mhumiex limitati għal, dubji rigward il-korrettezza tal-preparazzjoni tat-titjira, kemm l-ajruplan jkun tajjeb biex itir jew kwalunkwe kwistjoni direttament relatata mas-sigurtà ta' l-ajruplan u ta' l-okkupanti tiegħu.

2. **IL-KWALIFIKA TA' L-ISPETTURI**

2.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ispezzjonijiet SSAB kollha fir-rampa mwettqa fit-territorju tagħhom jitwettqu minn spetturi kkwalifikati.

2.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-ispetturi tagħhom jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifika kif inhu provdut hawn taħt.

2.3. **Il-kriterji ta' kwalifika**

2.3.1. *Il-Kriterji ta' l-Eliġibbiltà*

Bħala prerekwiżit għall-eliġibbiltà għall-kwalifika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-kandidati għall-kwalifika bħala spetturi SSAB jkollhom l-edukazzjoni u/jew l-għarfien prattiku dwar l-aeronawtika meħtieġa rilevanti għall-qasam/oqsma ta' spezzjoni tagħhom, jiġifieri:

(a) it-tħaddim ta' l-ajruplan;

(b) il-liċenzji tal-persunal;

(ċ) kemm l-ajruplan jkun tajjeb biex itir;

(d) merkanzija perikoluża.

2.3.2. *Ir-Rekwiżiti tat-Taħriġ*

Qabel il-kwalifika, il-kandidati jridu jkunu kkompletaw b'suċċess taħriġ li jikkonsisti minn:

— taħriġ teoretiku fil-klassi li għandu jingħata minn organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.4;

▼M2

— taħriġ prattiku li għandu jingħata minn organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB kif ġiet iddefinit fil-paragrafu 2.4 jew minn spettur anzjan maħtur minn Stat Membru kif inhu provdut fil-paragrafu 2.5 li jaġixxi indipendentement minn organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB;

— taħriġ fuq ix-xogħol: li għandu jingħata tul sensiela ta' spezzjonijiet minn spettur anzjan maħtur minn Stat Membru kif inhu provdut fil-paragrafu 2.5.

2.3.3. *Ir-Rekwiżiti biex Tinżamm il-Validità tal-Kwalifika*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li ladarba jkunu kkwalifikati, l-ispetturi jżommu l-validità tal-kwalifika tagħhom billi:

(a) jgħaddu minn taħriġ rikorrenti – li għandu jikkonsisti minn taħriġ teoretiku fil-klassi li għandu jingħata minn organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.4;

(b) iwettqu numru minimu ta' spezzjonijiet fir-rampa f'kull perjodu ta' 12-il xahar mill-aħħar darba li jkunu għaddew minn taħriġ SSAB ħlief jekk l-ispettur ikun ukoll spettur ikkwalifikat rigward l-operazzjonijiet tat-titjiriet jew rigward kemm l-ajruplan jkun tajjeb biex itir ta' l-awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni ta' Stat Membru u jkun regolarment involut fit-twettiq ta' spezzjonijiet fuq ajruplani ta' operaturi domestiċi.

2.3.4. *Il-Materjal ta' Gwida*

Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008, l-EASA (l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni, AESA), għandha tiżviluppa u tippubblika materal ta' gwida detaljat sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 2.3.1, 2.3.2 u 2.3.3.

## 2.4. L-Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ SSAB

2.4.1. Organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB tista' tkun parti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew minn organizzazzjoni ta' parti terza.

Organizzazzjoni ta' parti terza tista' tkun:

— parti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor;

— entità indipendenti.

2.4.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-korsijiet ta' taħriġ li jissemmew fil-paragrafi 2.3.2 u 2.3.3 (a) imwettqa mill-awtorità nazzjonali tagħhom, jitmexxew, mill-inqas, skond is-sillabi rilevanti stabbiliti u ppubblikati mill-EASA.

2.4.3. L-Istati Membri li jużaw organizzazzjoni ta' parti terza għall-fini ta' taħriġ relatat mas-SSAB għandhom jistabbilixxu sistema sabiex jevalwaw tali organizzazzjoni. Is-sistema għandha tkun sempliċi, trasparenti u proporzjonata u għandha tqis kwalunkwe materjal rilevanti ta' gwida stabbilit u ppubblikat mill-EASA. Sistema bħal din tista' tqis l-evalwazzjonijiet imwettqa minn Stati Membri oħra.

2.4.4. Organizzazzjoni ta' taħriġ ta' parti terza tista' tintuża biss jekk l-evalwazzjoni turi li t-taħriġ se jkun ipprovdut skond is-sillabi rilevanti stabbiliti u ppubblikati mill-EASA.

2.4.5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-programmi ta' taħriġ ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u/jew is-sistemi għall-evalwazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' partijiet terzi tagħhom jiġu emendati b'mod xieraq sabiex jirriflettu kwalunkwe rakkomandazzjoni li tiġi mill-verifiki ta' l-istandardizzazzjoni mwettqa mill-EASA skond il-metodi ta' ħidma pprovduti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 [1].

2.4.6. Stat Membru jista' jitlob lill-EASA biex tevalwa l-organizzazzjoni tat-taħriġ u tagħti parir li l-Istat Membru jista' jibbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuqu.

2.4.7. Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008, l-EASA għandha tiżviluppa u tippubblika materjal ta' gwida dettaljat sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

(1) ĠU L 129, 17.5.2006, p. 10.

▼M2

2.5. **L-Ispetturi Anzjani**

2.5.1. Stat Membru jista' jaħtar spetturi anzjani sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifika rilevanti li għandhom jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru;

2.5.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.5.1 jinkludu, mill-inqas, ir-rekwiżiti li ġejjin, fejn il-persuna maħtura:

— kienet spettur SSAB kwalifikat tul it-3 snin qabel il-ħatra;

— wettqet minimu ta' 36 spezzjoni SSAB matul it-3 snin qabel il-ħatra.

2.5.3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li t-taħriġ prattiku u/jew it-taħriġ fuq ix-xogħol mogħti mill-ispetturi anzjani tagħhom huwa bbażat fuq is-sillabi rilevanti stabbiliti u ppubblikati mill-EASA.

2.5.4. L-Istati Membri jistgħu wkoll jassenjaw lill-ispetturi anzjani tagħhom biex jagħtu taħriġ prattiku u/jew taħriġ fuq ix-xogħol lil persuni li jkunu qed jitħarrġu fi Stati Membri oħra.

Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008, l-EASA għandha tiżviluppa u tippubblika materjal ta' gwida dettaljat sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

2.6. **Il-Miżuri Tranżitorji**

2.6.1. L-ispetturi SSAB li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà li jissemmew fil-paragrafu 2.3.1, kif ukoll il-kriterji ta' l-esperjenza reċenti li jissemmew fil-paragrafu 2.3.3 (b) fid-data stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-kummissjoni 2008/49/KE għandhom jitqiesu bħala li jikkwalifikaw bħala spetturi skond ir-rekwiżiti stabbilit f'dan il-kapitolu.

2.6.2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.3.3 (a), l-ispetturi li jitqiesu li huma kkwalifikati skond il-paragrafu 2.6.1 għandhom jgħaddu minn taħriġ rikorrenti li għandu jingħata progressivament minn organizzazzjoni tat-taħriġ SSAB mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2010 u sussegwentement kif inhu provdut fil-paragrafu 2.3.3 (a).

3. **L-ISTANDARDS**

3.1. L-Istandards ta' l-ICAO u l-Proċeduri Reġjonali Supplimentari Ewropej ta' l-ICAO huma l-linja bażi li skond tagħha l-ajruplan u l-operatur qed jiġu spezzjonati skond il-Programm SSAB tal-KE. Barra minn hekk, meta tiġi spezzjonata l-kundizzjoni teknika ta' ajruplan, għandu jiġi kkontrollat skond l-istandards tal-manifattur ta' l-ajruplan.

4. **IL-PROĊESS TA' SPEZZJONI**

**Il-Punti tal-Lista ta' Kontroll**

4.1. Il-punti li għandhom jiġu spezzjonati se jintgħażlu minn dawk li ssemmew fil-lista ta' kontroll fir-Rapport ta' l-Ispezzjoni SSAB fir-Rampa li jinkludi total ta' 54 puntu (*ara l-Appendiċi 1*).

4.2. L-ispezzjoni u s-sejbiet li jirriżultaw, jekk ikun hemm, iridu jiġu riflessi fir-Rapport ta' l-ispezzjoni SSAB fir-rampa wara li l-ispezzjoni tkun ġiet ikkompletata.

**Il-Gwida SSAB Dettaljata**

4.3. Għal kull punt ta' spezzjoni tal-lista ta' kontroll fir-Rapport ta' l-l-Ispezzjoni SSAB fir-Rampa, se tkun stabbilita deskrizzjoni dettaljata li tispeċifika l-ambitu u l-metodu ta' spezzjoni. Barra minn hekk, se ssir referenza għar-rekwiżiti rilevanti fl-Annessi ta' l-ICAO. Dan se jkun żviluppat u ppubblikat bħala materjal ta' gwida dettaljat mill-EASA u se jiġi emendat, kif ikun meħtieġ, sabiex jirrifletti l-aktar standards applikabbli reċenti.

**L-Inklużjoni tar-Rapporti fid-*Database* SSAB Ċentralizzata**

4.4. Rapport ta' l-ispezzjoni għandu jiddaħħal fid-*database* SSAB ċentralizzata mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, mhux aktar tard minn 15-il jum ta' ħidma wara d-data ta' l-ispezzjoni, anki jekk ma tkun identifikata l-ebda sejba.

▼M2

5. IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SEJBIET

5.1. Għal kull punt ta' spezzjoni, jiġu ddefiniti bħala sejbiet tliet kategoriji ta' devjazzjonijiet possibbli mill-istandards rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3.1. Tali sejbiet se jkunu kklassifikati kif ġej:

— sejba tal-kategorija 1 titqies bħala li jkollha influwenza minuri fuq is-sigurtà,

— sejba tal-kategorija 2 jista' jkollha influwenza sinifikanti fuq is-sigurtà, u

— sejba tal-kategorija 3 jista' jkollha influwenza kbira fuq is-sigurtà.

5.2. L-istruzzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni tas-sejbiet se jkunu żviluppati u ppubblikati bħala materjal ta' gwida dettaljat mill-EASA u se jiġu emendati, kif ikun meħtieġ, sabiex jirriflettu l-progress xjentifiku u tekniku rilevanti.

6. L-AZZJONIJIET TA' SEGWITU LI GĦANDHOM JITTIEĦDU

6.1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1.2, trid timtela prova ta' spezzjoni li fiha mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Appendiċi 2 u kopja trid tingħata lill-pilota fil-kmand ta' l-ajruplan, jew fin-nuqqas tiegħu, lil membru ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jew lill-aktar rappreżentant anzjan ta' l-operatur preżenti fl-ajruplan jew qribu meta tiġi kkompletata l-ispezzjoni SSAB. Rikonoxximent iffirmat talli ġiet riċevuta l-prova ta' l-ispezzjoni għandu jintalab mingħand ir-riċevent u għandu jinżamm mill-ispettur. Ir-rifjut min-naħa tar-riċevent li jiffirma għandu jkun irreġistrat fid-dokument. L-istruzzjonijiet dettaljati rilevanti se jkunu żviluppati u ppubblikati mill-EASA bħala materjal ta' gwida dettaljat.

6.2. Fuq il-bażi ta' kif ġew ikklassifikati s-sejbiet, ġew iddefiniti ċerti azzjonijiet ta' segwitu. Ir-relazzjonijiet bejn il-kategorija tas-sejbiet u l-azzjonijiet li jirriżultaw li għandhom jittieħu ġew ippreżentati fil-klassi ta' l-azzjonijiet u se jkunu żviluppati u ppubblikati mill-EASA bħala materjal ta' gwida dettaljat.

6.3. Azzjoni tal-klassi 1: Din l-azzjoni tikkonsisti fil-provvista ta' informazzjoni dwar ir-riżultati ta' l-ispezzjoni SSAB fir-rampa lill-pilota ta' l-ajruplan fil-kmand jew fl-assenza tiegħu, lil membru ieħor ta' l-ekwipaġġ tat-titjira jew lill-aktar rappreżentant anzjan ta' l-operatur preżenti. L-azzjoni tikkonsti minn spjegazzjoni verbali u mill-konsenja tal-prova ta' l-ispezzjoni. Wara kull spezzjoni għandha tittieħed azzjoni tal-klassi 1, irrispettivament minn jekk ġewx identifikati sejbiet jew le.

6.4. Azzjoni tal-klassi 2: Din l-azzjoni tikkonsisti minn

(1) komunikazzjoni bil-miktub ma' l-operatur ikkonċernat u għandha tinkludi talba għal evidenza ta' azzjonijiet korrettivi, u

(2) komunikazzjoni bil-miktub ma' l-Istat responsabbli (l-Istat ta' l-operatur u/jew tar-reġistru) li tindirizza r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet mwettqa fuq inġenju ta' l-ajra mħaddem taħt is-superviżjoni ta' sigurtà ta' l-Istat rispettiv. Il-komunikazzjoni għandha tinkludi, fejn ikun xieraq, talba għal konferma li huma sodisfatti bl-azzjonijiet korrettivi meħuda taħt il-punt (1).

L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-EASA rapport ta' kull xahar dwar l-istatus ta' l-azzjonijiet ta' segwitu li ttieħdu skond l-ispezzjonijiet fir-rampa.

Azzjoni tal-klassi 2 għandha tittieħed wara spezzjonijiet fejn ġew identifikati sejbiet tal-kategorija 2 jew 3.

L-istruzzjonijiet dettaljati rilevanti se jiġu żviluppati u ppubblikati mill-EASA bħala materjal ta' gwida rilevanti.

6.5. Azzjonijiet tal-klassi 3: Azzjoni tal-klassi 3 għandha tittieħed wara spezzjoni fejn ġiet identifikata sejba tal-kategorija 3. Minħabba l-importanza tas-sejbiet tal-kategorija 3 rigward l-influwenza potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà ta' l-ajruplan u l-okkupanti tiegħu, ġew identifikati s-sottoklassijiet li ġejjin:

(1) Klassi 3a – Restrizzjoni fuq l-operazzjoni tat-titjiriet ta' l-ajruplan: L-awtorità kompetenti li twettaq l-ispezzjoni fir-rampa tikkonkludi li minħabba d-defiċjenzi li ġew identifikati waqt l-ispezzjoni, l-ajruplan jista' jitlaq biss b'ċerti restrizzjonijiet.

▼M2

(2) Klassi 3b – L-azzjonijiet korrettivi qabel it-titjira: L-ispezzjoni fir-rampa tidentifika defiċjenzi li jeħtieġu azzjoni(jiet) korrettiva(i) qabel ma ssir it-titjira ppjanata.

(3) Klassi 3c – L-ajruplan jinżamm milli jtir mill-awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni li qed tagħmel l-ispezzjoni: Ajruplan jinżamm milli jtir f'sitwazzjoni fejn wara l-identifikazzjoni ta' sejbiet (kbar) tal-kategorija 3, l-awtorità kompetenti li qed twettaq l-ispezzjoni fir-rampa ma tkunx sodisfatta li l-operatur ta' l-ajruplan se jieħu miżuri korrettivi sabiex jirrettifika għad-defiċjenzi qabel it-tluq tat-titjira, biex b'hekk ikun hemm perikolu immedjat għas-sigurtà ta' l-ajruplan u ta' l-okkupanti tiegħu. F'każi bħal dawn, l-awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni li twettaq l-ispezzjoni fir-rampa għandha żżomm lill-ajruplan milli jitlaq sakemm jitneħħa l-periklu u għandha immedjatament tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-operatur ikkonċernat u ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni ta' l-ajruplan.

L-azzjonijiet meħuda skond il-paragrafi 2 u 3 jistgħu jinkludu *positioning flight* bla ħlas lill-bażi tal-manutenzjoni.

(4) Klassi 3d – Projbizzjoni operattiva immedjata: Stat membru jista' jirreaġixxi għal periklu ovvju u immedjat għas-sigurtà billi jimponi projbizzjoni operattiva kif inhu provdut fil-liġi nazzjonali u Komunitarja applikabbli.

▼M2

*Appendiċi 1*

**Ir-Rapport ta' l-Ispezzjoni SSAB fir-Rampa**

Awtorità ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali *(isem)*

*(Stat)*

SSAB

Rapport ta' l-Ispezzjoni fir-Rampa

NR: _._._._-_._._._-_._._._

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sors: | RI | | |
| Data: | ___.__.____ | Post: | _______ |
| Ħin lokali: | ___:__ | | |
| Operatur: | ___ | Numrii AOC: | _______ |
| Stat: | ___ | Tip ta' Operazzjoni: | _______ |
| Rotta minn: | ____________ | Numru tat-Titjira: | _______ |
| Rotta lejn: | ____________ | Numru tat-Titjira: | _______ |
| Mikri mill-Operatur*: | _______ | L-Istat tal-Kerrej*: | _______ |
| * *(fejn ikun applikabbli)* | | | |
| Tipta'Ajruplan: | _______ | Marki ta' Reġistrazzjoni: | _______ |
| Konfigurazzjoni ta' l-Ajruplan: | _______ | Numru ta' Kostruzzjoni: | _______ |
| Ekwipaġġ tat-Titjira: Stat tal-Liċenzji: | _______ | | |
| It-Tieni Stattal-Liċenzji*: | _______ | | |
| * *(fejn ikun applikabbli)* | | | |

Sejbiet:

| Kodiċi / | Std / | Ref / | Kat / | Sejba / | Deskrizzjoni Dettaljata |
|---|---|---|---|---|---|
| _._._ | _ | _._._ | _ | .......... | .......... |
| _._._ | _ | _._._ | _ | .......... | .......... |
| _._._ | _ | _._._ | _ | .......... | .......... |
| _._._ | _ | _._._ | _ | .......... | .......... |
| _._._ | _ | _._._ | _ | .......... | .......... |

| Klassi ta' l-1-azzjonijiet meħuda: | Deskrizzjoni Dettaljata |
|---|---|
| ☐ 3d) Projbizzjoni operattiva immedjata | |
| ☐ 3c) Ajruplan miżmum milli jitlaq mill-AAN li qed tagħmel l-ispezzjoni | .......... |
| ☐ 3b) Azzjonjiet korrettivi qabel it-titjira | .......... |
| ☐ 3a) Restrizzjoni fuq l-operazzjoni tat-titjira ta' l-ajruplan | .......... |
| ☐ 2) Informazzjoni lill-Awtorità u lill-Operatur | |
| ☐ 1) Informazzjoni lill-Kaptan | |

Informazzjoni addizzjonali (jekk ikun hemni)

| |
|---|
| |

L-ismijiet jew in-numri ta' l-ispetturi: ..........

— Dan ir-rapportjirrappreżenta indikazzjoni ta' dak li nstab f'din l-okkażjoni u ma jridx jiġi interpretat bħala determinazzjoni li l-ajruplan huwa tajjeb għat-titjira ppjanata.

— Id-*data* mressqa f'dan ir-rapport tista' tiġi suġġetta għal bidliet għat-termini korretti meta tid daħħalfid-*database* tas-SSAB

▼M2

Awtorità Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni (Isem)

(Stat)

| Kodiċi tal-Punt | Ikkontrollat | Rimarka |
|---|---|---|
| **A. Gverta tat-Titjira** | | |
| **Ġenerali** | | |
| 1. Kundizzjoni Ġenerali | 1 ☐ | 1 ☐ |
| 2. Ħruġ ta' Emerġenza | 2 ☐ | 2 ☐ |
| 3. Tagħmir | 3 ☐ | 3 ☐ |
| **Dokumentazzjoni** | | |
| 4. Manwals | 4 ☐ | 4 ☐ |
| 5. Listi ta' kontroll | 5 ☐ | 5 ☐ |
| 6. Ċarts għar-Radjunavigazzjoni | 6 ☐ | 6 ☐ |
| 7. Lista ta' Tagħmir Minimu | 7 ☐ | 7 ☐ |
| 8. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni | 8 ☐ | 8 ☐ |
| 9. Ċertifikat tal-ħsejjes (fejn ikun applikabbli) | 9 ☐ | 9 ☐ |
| 10. AOC jew ekwivalenti | 10 ☐ | 10 ☐ |
| 11. Liċenzja tar-radju | 11 ☐ | 11 ☐ |
| 12. Ċertifikat ta' kemm l-ajruplan huwa tajjeb biex itir | 12 ☐ | 12 ☐ |
| ***Data* dwar it-titjira** | | |
| 13. Preparazzjoni għat-titjira | 13 ☐ | 13 ☐ |
| 14. Folja tal-piżijiet u tal-bilanċi | 14 ☐ | 14 ☐ |
| **Tagħmir tas-Sigurtà** | | |
| 15. Pompi ta' l-idejn għat-tifi tan-nar | 15 ☐ | 15 ☐ |
| 16. Ġkieket ta' salvataġġ/apparat li jżomm fil-wiċċ | 16 ☐ | 16 ☐ |
| 17. Qfil. | 17 ☐ | 17 ☐ |
| 18. Apparat ta' l-ossiġnu | 18 ☐ | 18 ☐ |
| 19. Torċ | 19 ☐ | 19 ☐ |
| **Ekwipaġġ tat-Titjira** | | |
| 20. Liċenzja ta' l-ekwipaġġ tat-titjira | 20 ☐ | 20 ☐ |
| **Ġurnal tal-Vjaġġ/Ġurnal Tekniku jew ekwivalenti** | | |
| 21. Ġurnal tal-Vjaġġ, jew ekwivalenti | 21 ☐ | 21 ☐ |
| 22. Permess għal manutenzjoni | 22 ☐ | 22 ☐ |
| 23. Notifika u rettifika ta' difett (inkluż Ġurnal Tekniku) | 23 ☐ | 23 ☐ |
| 24. Spezzjoni ta' qabel it-titjira | 24 ☐ | 24 ☐ |
| **B. Sigurtà / Kabina** | | |
| 1. Kundizzjoni Ġenerali Interna | 1 ☐ | 1 ☐ |
| 2. Post l-ekwipaġġ fil-kabina u ż-żona ta' mistrieħ ta' l-ekwipaġġ | 2 ☐ | 2 ☐ |
| 3. Kitt ta' l-Ewwel Għajnuna/Kitt medika ta' emerġenza | 3 ☐ | 3 ☐ |
| 4. Pompi ta' l-idejn għat-tifi tan-nar | 4 ☐ | 4 ☐ |
| 5. Ġkieket ta' salvataġġ/Apparat li jżomm fil-wiċċ | 5 ☐ | 5 ☐ |
| 6. Ċinturin tas-sit u kundizzjoni tas-sit | 6 ☐ | 6 ☐ |
| 7. Ħruġ, dawl u mmarkar ta' emerġenza, Torċi | 7 ☐ | 7 ☐ |
| 8. Żurżieq/Ċattri ta' Salvataġġ (kif ikun meħtieġ), ELT | 8 ☐ | 8 ☐ |
| 9. Provvista ta' Ossiġnu (Ekwipaġġ tal-Kabina u Passiġġieri) | 9 ☐ | 9 ☐ |
| 10. Istruzzjonijiet ta' Sigurtà | 10 ☐ | 10 ☐ |
| 11. Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina | 11 ☐ | 11 ☐ |
| 12. Aċċess għall-ħruġ ta' emerġenza | 12 ☐ | 12 ☐ |
| 13. Sigurtà tal-bagalji tal-passiġġieri | 13 ☐ | 13 ☐ |
| 14. Kapaċità tas-sit | 14 ☐ | 14 ☐ |

▼M2

| Kodiċi tal-Punt | Ikkontrollat | Rimarka |
|---|---|---|
| **C. Kundizzjoni ta' l-Ajruplan** | | |
| 1. Kundizzjoni esterna ġenerali | 1 | 1 |
| 2. Bibien u sportelli | 2 | 2 |
| 3. Kontrolli tat-titjira | 3 | 3 |
| 4. Roti, tajers u brejkijiet | 4 | 4 |
| 5. Skids/floats ta' l-undercarriage | 5 | 5 |
| 6. Xaft tar-roti | 6 | 6 |
| 7. Impjant ta' l-enerġija u pilun | 7 | 7 |
| 8. Partijiet ċatti tal-fann | 8 | 8 |
| 9. Skrejjen, Rotors (ewlenin u fid-denb) | 9 | 9 |
| 10. Tiswijiet ovvji | 10 | 10 |
| 11. Dannu mhux imsewwi ovvju | 11 | 11 |
| 12. Telf | 12 | 12 |
| **D. Merkanzija** | | |
| 1. Kundizzjoni ġenerali tal-kompartiment tal-merkanzija | 1 | 1 |
| 2. Merkanzija perikoluża | 2 | 2 |
| 3. Sigurtà tal-merkanzija abbord | 3 | 3 |
| **E. Ġenerali** | | |
| 1. Ġenerali | 1 | 1 |

▼M2

*Appendiċi 2*

**Prova ta' l-Ispezzjoni**

| Prova ta' l-Ispezzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Data: | Ħin: | Post: | | | Informazzjoni f'format ħieles ta' l-AAN li qed tagħmel l-ispezzjoni (logo, dettalji ta' kuntatt tel/faks/*email*) |
| Operatur: | | Stat: | Nru. AOC: | | |
| Rotta minn: | Nru. tat-Titjira: | Rotta lejn: | Nru. tat-Titjira: | | |
| Tip tat-Titjira: | Mikri mill-Operatur: | Tip ta' l-Ajruplan: | Konfigurazzjoni ta' l-ajruplan: | | |
| Stat tal-kerrej: | | Marka ta' reġistrazzjoni: | Nru. ta' kostruzzjoni: | | |
| Stat(i) tal-liċenzji ta' l-ekwipaġġ tat-titjira: | Rikonoxximent li ġiet Riċevuta (*) | | | | |
| | Isem: ..................................................<br>Funzjoni: ............................................. | Firma: ................................................. | | | |

| A | Gverta tat-Titjira | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 1 | Kundizzjoni ġenerali | | |
| 2 | Ħruġ ta' emerġenza | | |
| 3 | Tagħmir | | |
| | **Dokumentazzjoni** | | |
| 4 | Manwals | | |
| 5 | Listi ta' kontroll | | |
| 6 | Carts għar-Radjunavigazzjoni | | |
| 7 | Lista ta' tagħmir minimu | | |
| 8 | Ċertifikat ta' reġistrazzjoni | | |
| 9 | Certifikat tal-ħsejjes (fejn ikun applikabbli) | | |
| 10 | AOC jew ekwivalenti | | |
| 11 | Liċenzja tar-radju | | |
| 12 | Certifikat ta' kemm l-ajruplan huwa tajjeb biex itir | | |
| | ***Data* dwar it-titjira** | | |
| 13 | Preparazzjoni għat-titjira | | |
| 14 | Folja tal-piżijiet u tal-bilanċi | | |
| | **Tagħmir tas-sigurtà** | | |
| 15 | Pompi ta' l-idejn għat-tifi tan-nar | | |
| 16 | Gkieket ta' salvataġġ/apparat li jżomm fil-wiċċ | | |
| 17 | Qfil | | |
| 18 | Apparat ta' l-ossiġnu | | |
| 19 | Torċ | | |

| | Ekwipaġġ tat-Titjira | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 20 | Liċenzja ta' l-ekwipaġġ tat-titjira | | |
| | **Ġurnal tal-Vjaġġ/Ġurnal Tekniku jew ekwivalenti** | | |
| 21 | Ġurnal tal-vjaġġ jew ekwivalenti | | |
| 22 | Permess għal manutenzjoni | | |
| 23 | Notifika u rettifika ta' difett (inkluż il-Ġurnal Tekniku) | | |
| 24 | Spezzjoni ta' qabel it-titjira | | |

| B | Sigurtà/Kabina | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 1 | Kundizzjoni interna ġenerali | | |
| 2 | Post l-ekwipaġġ fil-kabina u ż-żona ta' mistrieħ ta' l-ekwipaġġ | | |
| 3 | Kitt ta' l-Ewwel Għajnuna/Kitt medika ta' emerġenza | | |
| 4 | Pompi ta' l-idejn għat-tifi tan-nar | | |
| 5 | Ġkieket ta' salvataġġ/Apparat li jżomm fil-wiċċ | | |
| 6 | Ċinturin tas-sit u kundizzjoni tas-sit | | |
| 7 | Ħruġ, dawl u mmarkar ta' emerġenza, Torċi | | |
| 8 | Żurżieq/Ċattri ta' Salvataġġ (kif ikun meħtieġ), ELT | | |
| 9 | Provvista ta' Ossiġnu (Ekwipaġġ tal-Kabina u Passiġġieri) | | |
| 10 | Istruzzjonijiet ta' Sigurtà | | |
| 11 | Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina | | |
| 12 | Aċċess għall-ħruġ ta' emerġenza | | |
| 13 | Sigurtà tal-bagalji tal-passiġġieri | | |
| 14 | Kapaċità tas-sit | | |

| C | Kundizzjoni ta' l-Ajruplan | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 1 | Kundizzjoni esterna ġenerali | | |
| 2 | Bibien u sportelli | | |
| 3 | Kontrolli tat-titjira | | |
| 4 | Roti, tajers u brejkijiet | | |
| 3 | Skids/floats ta' l-undercarriage | | |
| 6 | Xaft tar-roti | | |
| 7 | Impjant ta' l-enerġija u pilun | | |
| 8 | Partijiet ċatti tal-fann | | |
| 9 | Skrejjen, Rotors (ewlenin/fid-denb) | | |
| 10 | Tiswijiet ovvji | | |
| 11 | Dannu mhux imsewwi ovvju | | |
| 12 | Telf | | |

| D | Merkanzija | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 1 | Kundizzjoni ġenerali tal-kompartiment tal-merkanzija | | |
| 2 | Merkanzija perikoluża | | |
| 3 | Sikurezza tal-merkanzija abbord | | |

| E | Ġenerali | Kontroll | Rimarka |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġenerali | | |

**Azzjoni meħuda**

| | |
|---|---|
| | (3c) Ajruplan miżmum milli jitlaq mill-AAN li qed tagħmel l-ispezzjoni |
| | (3b) Azzjonijiet korrettivi qabel it-titjira |
| | (3a) Restrizzjonijiet fuq l-operazzjoni tat-titjira ta' l-ajruplan |
| | (2) Informazzjoni lill-awtorità u lill-operatur |
| | (1) Informazzjoni lill-kaptan |
| | (0) L-ebda rimarka |

**Il-firma jew in-numru ta' l-ispettur/i**

| |
|---|
| |
| |

| Punt | Rimarka(i) |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

(*) Il-firma minn kwalunkwe membru ta' l-ekwipaġġ jew minn rappreżentant ieħor ta' l-operatur li kien suġġett għall-ispezzjoni bl-ebda mod ma jimplika aċċettazzjoni tas-sejbiet elenkati imma sempliċement konferma li l-ajruplan kien spezzjonat fid-data u fil-post indikati fuq dan id-dokument. Dan ir-rapport jirrappreżenta indikazzjoni ta' xi nstab f'din l-okkażjoni u ma jridx jiġi interpretat bħala determinazzjoni li l-ajruplan huwa tajjeb għat-titjira ppjanata. Id-*data* mressqa f'dan ir-rapport tista' tiġi suġġetta għal bidliet għat-termini korretti meta tiddaħħal fid-*database* tas-SSAB."